B 2015

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,519, 10 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 222 tal-2025

ATT GĦAT-TWAQQIF TA' AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI (KAP. 418)

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-INNOVAZZJONI DIĠITALI TA' MALTA (KAP. 591)

Regolamenti tal-2025 dwar l-Aċċess Ġust għad-Data u l-Użu tagħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 46(1) tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u bl-artikolu 58 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni wara li kkonsulta mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u l-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, fuq il-parir tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar l-Aċċess Ġust għad-Data u l-Użu tagħha.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-*Data*).

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; Kap. 591.

"awtoritajiet kompetenti" tfisser l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

"Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta" tfisser l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta mwaqqfa skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; u Kap. 591.

"Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa skont l-artikolu 3 tal-Att għat-Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"Regolament (UE) 2023/2854" tfisser ir-Regolament 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-*Data*).

(2) Kwalunkwe termini li mhux mfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fir-Regolament (UE) 2023/2854:

Iżda sakemm il-kuntest ma jirrikjedix xort'oħra, it-termini użati f'dawn ir-regolamenti, li mhux mfissra fir-Regolament (UE) 2023/2854 u li mhux mfissra hawn, għandhu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att u fl-Att għat-Twaqqif ta'Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Kap. 418.

Ċertifikazzjoni ta' korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2023/2854, l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta għandha tiċċertifika korp għas-soluzzjoni tat-tilwim mwaqqaf f'Malta, fuq it-talba ta' tali korp, fejn ikun intwera li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun imparzjali u indipendenti, u jiddetermina d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità ma' regoli ta' proċedura ċari, mhux diskriminatorji u ġusti;

(b) ikollu l-għarfien espert neċessarju, b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni ta' termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji, inkluż il-kumpens, u li jagħmel disponibbli d-data b'mod trasparenti, li jippermetti lill-korp jiddetermina b'mod effettiv dawk it-termini u l-kondizzjonijiet;

(ċ) ikun faċilment aċċessibbli permezz tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni elettronika; u

(d) ikun kapaċi jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod rapidu, effiċjenti u kosteffettiv b'mill-inqas lingwa waħda uffiċjali tal-Unjoni.

Identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

4. (1) L-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta għandha tkun identifikata bħala l-awtorità kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tad-dispozizzjonijiet tar-Regolament

(UE) 2023/2854 bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35.

(2) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha tkun identifikata bħala l-awtorità kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2023/2854.

(3) Għal għan sabiex jiġu infurzati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/2854, l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandhom ikollhom il-poteri kollha mogħtija mid-dispozizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/2854, inkluz dawk il-poteri mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti bl-Artikoli 37(5) u 37(14) tar-Regolament (UE) 2023/2854.

Identifikazzjoni tal-koordinatur tad-data.

5. L-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta għandha tkun tidentifika bħala l-koordinatur tad-data sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u biex tassisti lill-entitajiet fil-kamp tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2854 dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni u l-infurzar tiegħu.

Dritt li jitressaq ilment.

6. Bla ħsara għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, il-post tax-xogħol jew stabbiliment fit-territorju ta' Malta għandu jkollhom id-dritt li jressqu:

(a) ilment mal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta individwalment jew, fejn rilevanti kollettivament, jekk id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/2854 bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35, ġew miksura; u

(b) ilment mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni individwalment jew, fejn rilevanti, kollettivament, jekk id-drittijiet tagħhom taħt l-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2023/2854 ġew miksura.

Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

7. (1) Jista jsir appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva minn kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, rispettivament skont dawn ir-regolamenti, fl-applikazzjoni u l-infurzar tagħhom tar-Regolament (UE) 2023/2854 jew sussegwenti għan-nuqqas rispettiv tagħhom li jaġixxu dwar ilment magħmul skont ir-regolament 6.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Kap. 490.

Amministrattiva, safejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kwalunkwe proċeduri quddiem l-imsemmi t-Tribunal.

(3) Għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti l-kelma "deċizjoni" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fit-tifsira ta' "att amministrattiv" fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

(4) Għandu jkun hemm dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva lill-Qorti tal-Appell f'konformita' mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Ksur.

8. (1) Fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament (UE) 2023/2854 mill-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, l-artikoli 42, 43, 44 u t-Taqsima IX tal-Att għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur tad-dispozizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/2854 bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35 tiegħu.

Kap. 418.

(2) Fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament (UE) 2023/2854 mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, it-Taqsima VI tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe ksur tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2023/2854.

Kap.418.

(3) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tal-Att u tal-Att għat-Twaqqif ta'Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data u l-kriterji mhux eżawrjenti li ġejjin għall-impożizzjoni ta' penali għall-ksur tar-Regolament (UE) 2023/2854:

(a) in-natura, il-gravità, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-parti li tkun wettqet il-ksur biex ittaffi jew tirrimedja għall-ħsara kkawżata mill-ksur;

(ċ) kwalunkwe ksur preċedenti mill-parti li tkun wettqet il-ksur;

(d) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew it-telf evitat mill-parti li wettqet il-ksur minħabba l-ksur, sakemm tali benefiċċji jew telf jistgħu jiġu stabbiliti b'mod affidabbli;

(e) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ; u

(f) il-fatturat annwali tal-parti li wettqet il-ksur fis-sena finanzjarja preċedenti fl-Unjoni Ewropea.

(4) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tista', qabel ma tibda xi proċeduri fir-rigward ta' xi ksur tal-Artikoli 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 34 u 35, tikkonsulta mal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta u, jew kwalunkwe persuna rilevanti.

Emenda konsegwenzjali. Kap. 490.

9. Fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, minnufih wara l-aħħar partita tal-liġijiet sussidjarji għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"Regolamenti dwar l-Aċċess Ġust għad-Data u l-Użu tagħha, A.L. 222 tal-2025, Kompetenza Inferjuri".